**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Laurence Gabriele

vs

Go Plc

CCT 121/20/MS

17 ta' Frar 2021

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fl-14 ta' Settembru 2020 fejn talab lil dan it-Tribunal jikundanna s-socjeta' intimata thallsu s-somma ta' €374.40 u dan wara li s-servizz tal-mobile provdut mill-istess kumpanija ma baqax jahdem kemm fl-indirizz tieghu f'Malta kif ukoll f'Ghawdex.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata fejn icceppiet illi fl-ewwel lok jinkombi fuq ir-rikorrent li jispjega u jiggustifika t-talba tieghu, inkluz l-ammont minnu mitlub; illi fit-tieni lok, minghajr pregudizzju, fil-mertu t-talba tar-rikorrent hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra r-rikorrent, salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Ra l-atti kollha tal-kawza

Sema' x-xhieda bil-gurament

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi u mhux kontestat illi r-rikorrent ghamel kuntratt mal-kumpanija Go fi Frar 2019. Ir-rikorrent ighid li mill-bidu nett kellu problemi ghax ma kellux reception fid-dar tieghu. Fl-ewwel gimghatejn ighid li mar outlet tal-Go u ilmenta dwar dan u qalilhom illi jekk il-problema ma tissolviex huwa kien ha jwaqqaf il-kuntratt. Xi hadd mill-kumpanija kien gie r-residenza tieghu Malta u wahhal booster u r-reception giet tajba. Izda kellu l-istess problema fid-dar tieghu ta' Ghawdex fejn kellu biss reception fuq naha wahda tad-dar - fin-naha ta' quddiem. Sena wara, f'Marzu 2020 induna li l-apparat li kienu wahlulu d-dar tieghu f'Malta ma baqax jiffunzjona u rega' bil-problemi fir-residenza tieghu hawn Malta. Il-problemi fir-residenza tieghu f'Ghawdex marru ghall-aghar u ma kellux reception fid-dar kollha. Rega' mar jilmenta mal-kumpanija u baqa' maghhom li kellhom jikkuntattjawh.

Fit-22 ta' Marzu bghattilhom messagg fuq is-site taghhom biex ifakkarahom u qalulu li ma kellhomx rapport min-naha tar-rikorrent. Fil-31 ta' Marzu rega' kellimhom u qalulu li kienu jafu bil-problema u skuzaw ruhhom, pero' qalulu li minkejja l-problemi xorta kellu jibqa' jhallas ghas-servizz. Bghattilhom hafna reminders pero' l-problema ppersistiet. Fl-20 ta' Lulju baghat ittra fejn rega' qallhom li kien bla servizz u xtaq li jsibu soluzzjoni. F'Awwissu cempillu tekniku mill-Go, pero' anke wara illi raw xi settings flimkien, il-problema ppersistiet. Mistoqsi biex jispjega kif wasal ghal cifra ta' €374.40, *ighid illi dan* l-ammont huwa s-somma ta' €31.20 minn Marzu 2020 sa' Frar 2021 (perjodu ta' sena).

Illi xehed ukoll Joseph Micallef rapprezentant tas-socjeta' intimata li qal li f'Awwissu ircieva ilment mill-MCCAA ghan-nom tas-sur Gabriele dwar problemi li kellu fir-reception tal-mobile, fejn xtaq jittermina s-servizz minghajr ma jhallas early termination fee u jiehu lura l-ammont li hallas minn Marzu sa' Awwissu. Offrewlu li jinstallawlu repeater fir-residenza tieghu - kemm f'Ghawdex kif ukoll f'Malta, b'dan illi jhallas l-ispejjes ta' stallazjoni ghal wiehed minnhom biss. Pero' huwa xtaq jittermina s-servizz minghajr ma jhallas penali u jiehu lura l-flus kollha li hallas ta' qabel. Huma qablu li seta' jittermina l-kuntratt, pero' ma qablux li ma jhallasx tas-servizz ghaliex l-mobile xorta kien intuza f'dan il-perjodu. Ipprezenta dokumenti li juru l-kontijiet kollha minn April sa' Novembru 2020 fejn jidher car illi huwa kien icempel u jaghmel uzu kontinwu mill-mobile.

Ikkunsidra

Illi l-ilment principali tar-rikorrenti huwa illi s-servizz tal-mobile ma kienx wiehed accettabbli fic-cirkostanzi peress illi r-rikorrent ma setax juza l-mobile phone mid-djar tieghu u dan ghaliex ma kellux reception adegwat.

Jibda biex jinghad illi ghalkemm servizz ta' mobile phone gieli ma jahdimx minn kullumkien u jkun hemm postijiet fejn ma jkollokx reception jew service, ir-rikorrent ghandu ragun jippretendi illi jkollu servizz, almenu fid-dar tieghu. Din hija xi haga bazika, anke jekk seta' jcempel minn postijiet ohra, iktar u iktar fil-perjodu li fih qed jilmenta r-rikorrent, fejn kien hemm pandemija mad-dinja kollha u hafna nies kienu kostretti jahdmu mid-dar.

Illi l-fatt illi r-rikorrent dam hames xhur jew iktar sakemm xi hadd mis-socjeta' intimata cempillu, huwa ghal kollox inaccettabbli. Pero' tajjeb jew hazin, f'Awwissu jidher illi kien hemm caqliq min-naha tal-kumpanija fejn gie offrut l-opportunita' li jittermina l-kuntratt, jew inkella li jaghmlulu zewg repeaters fir-residenzi tieghu (u jhallas ghal wiehed minnhom biss). Ir-rikorrent ma accettax u ried bil-fors jittermina l-kuntratt u jiehu lura l-flus li hallas minn Marzu sa' dakinhar.

Ikkunsidra

Illi bhala fatt, ir-rikorrent inghata l-opportunita' li jittermina l-kuntratt f'Awwissu, pero' ma accettax ghax is-socjeta' intimata ma kenitx lesta tirrifondilu l-flus li kien hallas ghal dan il-perjodu. Gie offrut ukoll l-istallazjoni ta' repeaters fiz-zewg residenzi tieghu - wahda bla hlas u ohra bi hlas, pero' lanqas hawn ma accetta. It-Tribunal ghalhekk jidhirlu illi gialadarba irrifjuta li jittermina l-kuntratt u rrifjuta wkoll l-offerta ghal repeater bla hlas, mhuwiex intitolat ghall-ispejjes ghax-xhur minn Settembru ghal Frar. Seta' jekk ried, jittermina l-kuntratt, u jzomm ferm id-dritt tieghu illi jfittex il-kumpanija ghal danni minn Marzu sa' Awwissu/ Settembru, izda huwa ghazel li jkompli bis-servizz anke meta' seta' jittermina minghajr ebda penali.

Illi huwa fatt ukoll f'dan il- perjodu, ir-rikorrent ghamel uzu tal-mobile, anke jekk kien hemm problemi fis-serivizz mid-djar tieghu. Illi ma hemmex dubju illi r-rikorrent huwa intitolat ghal xi tip ta' kumpens. Wara li qies ic-cirkostanzi kollha u d-dewmien min-naha tas-socjeta' attrici biex jirrispondu ghall-ilment tieghu, t-Tribunal qed jiffissa l-ammont ta' kumpens, arbitrio bono viri, fis-somma ta' mitt Euro (€100).

Ghal dawn ir-ragunijiet, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrent, u jikundanna l-isocjeta' intimata thallas lir-rikorrent is-somma ta' mitt Euro. Bl-ispejjes ghandhom jibqghu bla taxxa.

Michela Spiteri Av.
Arbitru